# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 17**

**Rikors numru 276/10 SM**

**Anthony Montebello**

**v.**

**Carmelo sive Charles Vella**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Ottubru illi permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-talbiet attrici ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

"1.1. Illi r-rikorrenti kkonsenja materjal ta' kostruzzjoni – "*concrete*" u "*bricks*" – lill-intimat;
1.2. Illi r-rikorrenti ezegwixxa wkoll xoghlijiet fuq l-inkarigu tal-intimat;

"1.3. Illi l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti ghall-istess, bilanc minn somma akbar, jammonta ghal tmintax –il elf, seba' mija u tmienja u disghin Ewro u erba' centezmi, (€18,798.04);

"1.4. Illi dan id-dejn hu veru, cert u likwidu;

"1.5. Illi x-xoghlijiet *de quo* twettqu fit-12 ta' Settembru, 1995;

"1.6. Illi fil-25 ta' Gunju, 1996, inharget kambjala mill-intimat favur ir-rikorrenti in garanzija ta' l-ammont globali;

"1.7. Illi peress li l-intimat kien ihallas in akkont tul is-snin, u allura r-rikorrenti kien ghazel li ma jiehu l-ebda azzjoni fuq il-kambjala nnifisha;

"1.8. Illi l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghat-talba tar-rikorrenti, tant li ricentement baqa' jhallas diversi somom in akkont tal-ammont originarjament dovut;

"1.9. Illi jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi *a tenur* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"1.10. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti aderixxa ruhu lil din il-qorti biex, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-imsemmi Kap 12;

"1.10.1. Tiddikjara u tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

"1.10.2. Tiddikjara li l-intimat hu debitur fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' tmintax –il elf, seba' mija u tmienja u disghin Ewro u erba' centezmi, (€18,798.04);

"1.10.3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ndikata fil-paragrafu precedenti;

"1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-5 ta' Frar, 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

"2.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu, wara li semghet it-trattazzjoni fir-rigward, ikkonkludiet:

“2.1. Illi l-intimat ghandu eccezzjonijiet xi jressaq f’din il-kawza;

“2.2. Illi awtorizzatu jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fiz-zmien hemm indikat, (ara fol 12);

“3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata l-24 ta’ Mejju, 2010, li permezz taghha wiegeb bil-mod segwenti:

“3.1. Illi l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artikli 2148 u 2149 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3.2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

“3.3. Illi *di piu`*, it-talbiet tar-rikorrenti m’ghandhom l-ebda fundament guridiku;

“3.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

“3.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

“4. Rat il-verbal datat it-3 ta’ Gunju, 2010, li permezz tieghu gie ordnat mill-qorti diversament preseduta li l-kawza thalliet ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni, (ara paragrafu tlieta punt wiehed, (3.1), u fol 19);

“5. Rat il-verbal datat it-18 t’April, 2013, fejn jirrizulta li b’digriet tal-istess data fuq talba tar-rapprezentanti legali tal-partijiet, il-qorti laqghet l-istess talba u awtorizzathom jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 109), bil-kawza tigi differita ghas-sentenza;

“6. Ikkonstatat, li t-termini hemm ukoll moghtija lill-kontendenti ghaddew inutilment stante li ma gew intavolati l-ebda noti ta’ sottomissjonijiet;

“Ikkunsidrat:

“7. Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina hi limitata ghall-epurazzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat, (ara paragrafu tlieta punt wiehed, (3.1), aktar qabel u fol 19 tal-process);

“8.0. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“8.1. Illi l-kontendenti kienu ftiehmu li r-rikorrenti jforni lill-intimat bil-“*concrete*” u “*bricks*”, u l-intimat ihallsu bi proprjeta`;

“8.2. Illi l-ammont maqbul bejniethom kien ta’ sitta u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM26,000.00), li ghaxart elef Liri Maltin, (LM10,000.00),

minnhom kellhom jithallsu fi flus kontanti u s-sittax –il elf Lira Maltin (LM16,000,00), rimanenti fil-materja prima fuq imsemmija;

“8.3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-prezz tal-konkos dan kellu jkun stabbilit bil-prezz kurrenti ta’ dak iz-zmien bi skont ta’ hamsin centezmu tal-Lira Maltija, (LM0.50), -il jarda, (ara fol 90);

“8.4. Illi l-ftehim hekk pattwit bejn il-kontendenti kien sehh verbalment fil-perjodu bejn Mejju u Gunju tal-1990, (ara fol 90);

“8.5. Illi l-ammonti fuq indikati kienu ghall-appartamenti *f’Pioneer Court*, Triq il-Pijunieri, Bugibba, li f’dak iz-zmien kienu ghadhom fuq konvenji minn fuq terzi ghal fuq l-intimat;

“8.6. Illi in esekuzzjoni tal-istess ftehim hekk pattwit, il-kontendenti kienu wkoll ikkonkludew konvenju fir-rigward, izda ma jirrizulta li hemm l-ebda rikollazzjoni ta’ min seta’ kien in-nutar redigenti;

“8.7. Illi r-rikorrenti jikkontendi li kien sab il-bejgh tal-istess appartamenti in dizamina;

“8.8. Illi r-rikorrenti kien hallas lill-intimat l-ammont globali ta’ ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin, (LM10,500.00), ghall-istess appartamenti, bil-modalita` kif espressa a fol 91;

“8.9. Illi l-bilanc rimanenti fuq l-istess appartamenti, (dak ta’ hmistax –il elf u hames mitt Lira Maltin, (LM15,500.00), thallas mir-rikorrenti lill-intimat permess tal-konkos, (ara fol 91);

“8.10. Illi l-kontendenti odjerni jirrizulta li kienu wkoll waqqfu kumpanija bejniethom bl-isem ta’ Montvell Construction Limited;

“8.11. Illi permezz tal-imsemmija socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti xtraw ukoll proprjeta` San Giljan, li ghaliha l-istess rikorrenti sborza elf Lira Maltin, (LM1,000.00), oltre spejjez ohra konnessi mal-formazzjoni tal-istess socjeta`, (ara fol 91);

“8.12. Illi fil-21 ta’ Gunju, 1996, il-kontendenti iltaqghu biex jirrikonciljaw is-sitwazzjoni ta’ bejniethom;

“8.13. Illi din ir-rikonciljazzjoni tal-ammonti dovuti hi riprodotta a fol 93, li minnha jirrizulta li l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti l-ammont ta’ hdax –il elf, mija u tmienja u erbghin Lira Maltin, (LM11,148.00);

“8.14. Illi a bazi tal-istess, ir-rikorrenti unilateralment accetta li jaggusta l-ammont lilu dovut mill-intimat ghall-ammont ta’ ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin, (LM10,500.00);

"8.15. Illi tenut kont tal-ftehim hekk pattwit, l-intimat iffirma kambjala favur ir-rikorrenti ghall-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti, (ara fol 4 u 100), datata l-25 ta' Gunju, 1996;

"8.16. Illi jirrizulta li in vista tal-imsemmija kambjala l-intimat affettwa zewg pagamenti akkont lir-rikorrenti:

"8.16.1 Wiehed t'elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00), permezz ta' *cheque* datat il-5 ta' Dicembru, 2007, (ara fol 35);

"8.16.2. Iehor t'elf Lira Maltin, (LM1,000.00), permezz ta' *cheque* datat is-17 ta' Marzu, 2008, (ara wkoll fol 35);

"8.17. Illi meta r-rikorrenti kien icempel lill-intimat ghall-flus, dan kien jassigurah li kien ser ihallsu, imqar in akkont;

"8.18. Illi kien hemm ukoll diversi drabi fejn il-kontendenti jiftiehmu li jiltaqghu biex l-intimat ihallas xi ammont lir-rikorrenti izda l-intimat ma jitfaccax, (ara fol 92);

"8.19. Illi fuq it-telefon l-istess intimat kien wieghed lir-rikorrenti li ser ihallsu, izda inutilment;

"Ikkunsidrat:

"9.0. Illi minn naha tieghu l-intimat sintetikament isostni s-segwenti:

"9.0. Illi kien biss fl-2007 waqt ikla li r-rikorrenti allega li l-intimat kellu jtih xi flus, (ara fol 33);

"9.1. Illi ghalkemm jikkoncedi li l-kontendenti kienu ghamlu diversi negozji flimkien pero` mill-ewwel innega li kellu jtih xi flus, (ara fol 33);

"9.2. Illi peress li r-rikorrenti ma setax jissellef mill-banek, l-intimat kien sellfu elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00), fil-5 ta' Dicembru, 2007, (ara fol 35);

"9.3. Illi peress li r-rikorrenti jidher li kien maghfus ghall-flus, l-intimat rega' sellfu elf Lira Maltin ohra, (LM1,000.00), fis-17 ta' Mejju, 2008, (ara fol 35), permezz ta' *cheque*, liema *cheque* kien baghtu ghand ir-rikorrenti mat-tifel tieghu Casey, (ara fol 33);

'9.4. Illi ghalhekk il-kontendenti kellhom ukoll jaghmlu xi negozju dwar xi proprjeta` f'San Giljan, liema negozju qatt ma immaterjalizza;

"9.5. Illi l-ewwel darba li r-rikorrenti kiteb lill-intimat biex jivvanta l-allegazzjoni tieghu kien permezz tal-ittra ufficcjali datata l-5 ta' Frar, 2009, (ara fol 5);

“9.6. Illi l-intimat isostni li ghadu ma jafx ghal liema konkos u *bricks* qed jirreferi r-rikorrenti stante li ma jafx li ghamel dawn l-ordnijiet min ghandu;

“9.7. Illi l-kambjala prodotta in atti titkellem fuq “*commission*”, (ara fol 100), waqt li minflok it-talbiet odjerni jindirizzaw konsenji ta’ konkos u “*bricks*”;

“Ikkonsidrat:

“10. Illi ghandu jkun pacifiku dak stabbilit fil-kawza fl-ismeijiet **Francesco Desira vs Isidoro Micallef, Qorti ta’ l-Appell, datata l-10 ta’ Jannar, 1953, (Vol. XXXVIII.I.544)**, li:

> “L-intemizzjoni tal-preskrizzjoni tista’ ssir jew bin-notifika ta’ att gudizzjarju, jew bir-rikonoxximent tad-debitu, jew anki b’xi hlas akkont”;

“Ikkonsidrat:

“11. Illi fl-analizi tal-fatti fuq sintetikament elenkati dawn it-tlett (3) cirkostanzi elenkati fis-sentenza fuq imsemmija kollha gew indirizzati u ghalhekk jimmeritaw li jigu analizzati fir-rigward:

“12.0. **Interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz tan-notifika ta’ att gudizzjarju**:

“12.1. Illi l-att in dizamina jirrizulta li hu ittra ufficcjali datata l-5 ta’ Frar, 2009, (ara fol 5);

“12.2. Illi l-ftehim allegat jirrizulta li sehh madwar Mejju u Gunju, 1990, (ara l-istess xhieda tar-rikorrenti a fol 90);

“12.3.Illi ghalhekk ghandu jirrizulta abbundantement assodat li l-imsemmija ittra ufficcjali ma tinterrompix il-preskrizzjoni vantata mill-intimat stante li l-perjodu involut imur ferm lil hemm min dak stabbilit mill-artikli 2148 u 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistabbilixxu perjodi ferm anqas min dak hawn riskontrat ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, senjatament dak ta’ tmintax –il xahar (18) u ta’ sentejn (2) rispettivament;

“13.0. **Interruzzjoni tal-preskrizzjoni bir-rikonoxximent tad-debitu**:

“13.1. Illi l-intimat ma jirrikonoxxix id-debitu allegat mir-rikorrenti;

“13.2. Illi aktar min hekk, l-intimat jirrifjuta ghal kollox l-allegazzjoni vantata kontra tieghu mir-rikorrenti u jsostni li din mhix veritiera;

“14.0. **Interruzzjoni tal-preskrizzjoni b’xi hlas akkont**:

"14.1. Illi hawnhekk jissemmew iz-zewg cekkijiet imhallsa mill-intimat lir-rikorrenti rispettivament datati l-5 ta' Dicembru, 2007, u s-17 ta' Marzu, 2008, (ara fol 35);

"14.2. Illi fir-rigward ir-rikorrenti jsostni li dawn kienu thallsu in akkont ghall-ammont dovut mill-intimat wara in-negozju konkluz fl-1990, mentri l-intimat isostni li dawn l-ammonti thallsu ghall-ghajnuna finanzjarja li l-intimat kien qieghed jippresta lir-rikorrenti;

"14.3. Illi ghalhekk, anki hawn, ir-rikorrenti naqas li jistabbilixxi l-prova ta' dak minnu allegat fir-rigward fil-livell ta' probabbilita` rikjesta mill-ligi;

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi tenut kont tas-suespost sintetikament jirrizulta s-segwenti:

"15.1. Illi r-rikorrenti qed jallega ftehim pattwit fl-1990 bejn il-kontendenti li minnu r-rikorrenti ghad jonqsu jithallas mill-intimat l-ammont hawn minnu rikjamat;

"15.2. Illi l-intimat qed jirrikjama l-preskrizzjoni taht l-artikli 2148 u 2149 tal-Kap 16 fuq indikati;

"15.3. Illi in effetti, il-preskrizzjoni vantata mill-intimat ma gietx interrotta kif stipulat aktar qabel, (ara paragrafi numri tnax, (12), tlettax (13) u erbatax (14), aktar qabel);

"**DECIDE:**

"16.0. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li l-procedura odjerna hi in effetti preskritta kif fuq stabbilit u konsegwentement:

"16.1. Tilqa' l-ewwel risposta preliminari tal-intimat Carmelo sive Charles Vella;

"16.2. Tiddikjara li l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artikli 2148 u 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"16.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Anthony Montebello;

"16.4. Tiddikjara ulterjorment ghalhekk li in vista tal-premess qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura in dizamina".

L-attur ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex jigi trattat il-mertu;

l-appellat ma rrispondiex formalment ghar-rikors izda naturalment waqt it-trattazzjoni talab konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju huwa maqsum fi tnejn. Fl-ewwel parti l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset li tiehu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ghaliex gew prezentati tard. Jghid li dawn saru bl-hekk imsejjah "visto" tal-kontro-parti.

Fuq dan l-aspett il-Qorti taghti ragun lill-ewwel Qorti. Il-fatt li l-partijiet taw il-visto lil xulxin ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi obbligu li tiehu konjizzjoni tal-atti li jigu prezentati tardivament. Il-partijiet ghandhom l-obbligu li josservaw it-termini imposti mill-Qorti u ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija respinta.

Fit-tieni parti l-appellant jghid li l-ewwel Qorti strahet biss fuq l-affidavit tal-partijiet minghajr ma tat kaz tal-provi l-ohra. Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v.**

**George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti però f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jghidu però li huma mhux qed jitolbu ri-ezami tal-provi minn din il-Qorti izda li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-provi kollha. Huwa jghid li l-appellat fil-fatt ghamel zewg hlasijiet akkont tal-kreditu li qed jitlob fil-2007 u fl-2008 u ghalhekk l-appellat kien hemmhekk interrompa huwa stess il-preskrizzjoni vantata minnu. Dawn il-hlasijiet saru skont l-appellant tramite ibnu Casey Vella.

L-appellat da parti tieghu jghid li huwa kien hallas hafna zmien qabel u meta l-appellat talbu jhallsu l-bilanc fl-2007 waqt ikla, huwa mill-ewwel qallu li ma kellu jaghtih xejn. Anzi jzid jghid li l-appellant talbu jisilfu xi flus ghax kellu bzonn jakkwista xi art. Huwa evidenti li l-kwistjoni tal-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jiddependi fuq jekk il-hlasijiet li saru permezz taz-zewg cekkijiet datati 2007 u 2008 ta' Lm2,000 u 1,000 euros rispettivament sarux akkont tal-kreditu in kwistjoni jew ghal xi raguni ohra. L-appellat infatti insista li dak iz-zmien l-appellant kien talbu jisilfu xi flus u hu tahomlu ghal din ir-raguni.

Hemm ghalhekk kuntrast f'dak li qed isostnu l-partijiet ghalkemm ma hemm ebda kuntrast fil-fatt li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz hija dik indikata mill-ewwel Qorti. Fis-sentenza li tat fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta' provi fil-kamp civili billi qalet hekk – "*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001***. Jinsab ravvizat ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia**,

deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru, 1966, li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lillohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*".

L-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 qalet li:

> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal lkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.* Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia v. Farrugia",** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*".

F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*"

– **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Huwa minnu wkoll però li kif jghid tal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negata*" u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-apprezzament tal-provi, jekk jista' jissejjah hekk, da parti tal-ewwel Qorti huwa wiehed karenti u dan hu nuqqas peress hija l-Qorti tal-ewwel istanza li ghandha fl-ewwel lok il-kompitu li tevalwa b'mod dettaljat il-provi precizament sabiex din il-Qorti tkun imbaghad tista' taqdi l-kompitu ta' revizjoni li jispetta lilha.

F'din il-kawza -l-Qorti ghandha zewg verzjonijiet u din il-Qorti differentement mill-ewwel Qorti ma semghetx il-partijet jixhdu u huwa ghalhekk li din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u normalment ma tiddisturbax il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-ewwel Qorti f'dak ir-rigward. Minhabba dak li se jkun diskuss u deciz aktar 'il quddiem, din il-Qorti f'dan l-istadju mhux se tikkummenta aktar fir-rigward u r-raguni ghal dan tidher evidenti aktar 'il quddiem.

Finalment infatti l-appellant ressaq aggravju iehor u cioè li l-appellat ma jistax fl-istess waqt li jeccepixxi l-preskrizzjoni, jeccepixxi wkoll

pagament. Dwar dan, il-Qrati taghna esprimew ruhhom b'modi mhux dejjem konformi ma' xulxin izda l-fehma prevalenti hija li z-zewg eccezzjonijiet ma humiex kompatibbli – ara per ezempju s-sentenzi fl-ismijiet **Vella v. Moby Rentals Limited** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001) u **Vella v. Cefai** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru 2001).

Fil-kaz in ezami, l-appellat ma ta ebda eccezzjoni formali ta' pagament izda eccepixxa biss illi "*t-talbiet tar-rikorrenti huma nieqsa minn kull fundament guridiku u fattwali*"*.* Madankollu fil-kors tal-provi huwa xehed li sa fejn jaf hu huwa kien fi kliemu, "*skwerja*", l-ammonti dovuti lill-appellant. Infatti huwa qal – li *inqatlet il-kambjala* (fol 25), li huwa cert li ma ghandu jaghti xejn lill-appellant u li huwa dejjem hallas lill-appellant dak li kien dovut minnu (fol 35).

Fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom v. Piscopo** (Appell Inferjuri, 5 ta' Lulju 2006) intqal li "*M'hemmx kwestjoni illi l-eccezzjoni inizzjali fuq il-meritu ma ggibx rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni billi dik l-imgieba mhix inkompatibbli mal-volonta tal-konvenut li jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjoni, attiz li hu kellu linteress li jikkontrasta fil-bidu l-fondatezza tad-domanda taht il-profil attinenti ghall-meritu, b'rizerva, lilu moghtija ex-lege bl-Artikolu 2112 Kodici Civili, li f'kull waqt talkawza, u sahansitra fl-istadju tal-appell, huwa jissolleva successivament b'eccezzjoni l-preskrizzjoni avvenuta. Ara f'dan is-sens* ***Kollez. Vol. XXIII P I p 686****.*

*Dan maghdud, jinsab stabbilit pero l-principju illi ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni*". ***Ara Kollez. Vol. XXXVII P I p 310.***

F'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Inferjuri datata 15 ta' Gunju 2011, fl-ismijiet **Gatt Ready Mix Limited v. Camilleri**, intqal li "*Fi kliem iehor l-appellat ikun mill-presunzjoni ghadda ghall-affermazzjoni ta' hlas. Fil-hsieb tal-Qorti tali attagjament hu imkompattibbli ma' dik il-volonta' fl-appellanti li javvolora ruhu mill-kawza estintiva ta' azzjoni bl-eccepita preskrizzjoni. Jinghad a propositu mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (16 ta' Novembru 1980, Numru 5973) illi, "il-riconoscimento del diretto idoneo ad interompere il decorso della prescrizione puo essere anche tacito e consistere, quindi, comportamento incompatibile con volonta' di disconoscere la pretesa del creditore*".

Ghalhekk in vista tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellat bl-atteggjament komplessiv tieghu fil-kors tal-kawza wkoll interrompa l-preskrizzjoni altrimenti applikabbli.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi ghar-ragunijiet imsemmija tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tordna li l-atti jigu rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza. L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellat, dawk tal-ewwel Istanza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb